Nru. 18,062
Prezz/Price
Lm1.44 (€3.35)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 10 ta' April, 2007
Tuesday, 10th April, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 318

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 89 imsejjaħ "Att ta' l-2007 dwar il-*Foster Care*".

L-10 ta' April, 2007

Nru. 319

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,060 u 18,061 tat-3 u l-5 ta' April, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 84 ta' l-2007: Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372); Regoli ta' l-2007 li jemendaw ir-Regoli dwar Indiċi tat-Taxxa dwar Informazzjoni Finanzjarja.

A.L. Nru. 85 ta' l-2007: Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460); Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs ta' Persuni.

A.L. Nru. 86 ta' l-2007: Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460); Ordni ta' l-2007 dwar Trattament Indaqs fil-każ ta' Impjieg ta' Persuni li jimpjegaw lilhom infushom u l-Okkupazzjoni.

GOVERNMENT NOTICES

No. 318

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 89 entitled "Foster Care Act, 2007".

10th April, 2007

No. 319

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,060 and 18,061 of the 3rd and the 5th April, 2007 respectively.

L.N. No. 84 of 2007: Income Tax Management Act (Cap. 372); Tax Index of Financial Data (Amendment) Rules, 2007.

L.N. No. 85 of 2007: European Union Act (Cap. 460); Equal Treatment of Persons Order, 2007.

L.N. No. 86 of 2007: European Union Act (Cap. 460); Equal Treatment in Self-Employment and Occupation Order, 2007.

A.L. Nru. 87 ta' l-2007: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Examination of Varieties of Vegetable Species Regulations, 2007.*

L.N. No. 87 of 2007: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Examination of Varieties of Vegetable Species Regulations, 2007.

A.L. Nru. 88 ta' l-2007: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Vegetable Propagation and Planting Material (Amendment) Regulations, 2007.*

L.N. No. 88 of 2007: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Vegetable Propagation and Planting Material (Amendment) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 89 ta' l-2007: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Seeds of Agricultural Plants and Vegetables (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.*

L.N. No. 89 of 2007: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Seeds of Agricultural Plants and Vegetables (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 90 ta' l-2007: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Control of Potato Ring Rot (Amendment) Regulations, 2007.*

L.N. No. 90 of 2007: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Control of Potato Ring Rot (Amendment) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 91 ta' l-2007: Att dwar il-Kontroll ta' Pestiċidi (Kap. 430); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Prodotti għall-Ħarsien tal-Pjanti (Emenda Nru. 2).

L.N. No. 91 of 2007: Pesticides Control Act (Cap. 430); Plant Protection Products (Amendment) (No. 2) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 92 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuluri għall-Użu fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel.

L.N. No. 92 of 2007: Food Safety Act (Cap. 449); Colours (Use in Foodstuffs) (Amendment) Regulations, 2007.

A.L. Nru. 93 ta' l-2007: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli ta' l-2007 dwar Tnaqqis għal Spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' l-Euro.

L.N. No. 93 of 2007: Income Tax Act (Cap. 123); Deductions (Euro Related Expenditure) Rules, 2007.

A.L. Nru. 94 ta' l-2007: Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel (Kap. 449); Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Supplimenti ta' l-Ikel.

L.N. No. 94 of 2007: Food Safety Act (Cap. 449); Food Supplements (Amendment) Regulations, 2007.

L-10 ta' April, 2007

10th April, 2007

Nru. 320

AĠENT PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Tonio Borg, LL.D., M.P., Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern, jassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'seħħ minn nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' April, 2007, matul l-assenza ta' l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Is-6 ta' April, 2007
(OPM 31/2007)

No. 320

ACTING PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister and Minister of Finance, the President of Malta has directed that the Hon. Tonio Borg, LL.D., M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs, assumes the additional duties of the Prime Minister and Minister of Finance with effect from Friday, 6th April, 2007, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

6th April, 2007

Nru. 321

ATT DWAR IT-TIĠDID TAL-KIRI TA' RABA' (KAP. 199)
BORD DWAR IL-KONTROLL TAL-KIRI TA' RABA' - GĦAWDEX

Nomina ta' *Chairperson* Sostitut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att dwar it-Tiġdid tal-Kiri ta' Raba' (Kap. 199), il-Prim Ministru approva n-nomina bħala Sostitut *Chairperson* tal-Maġistrat Dott. Anthony Ellul, B.A. (Hons.) Pub. Admin., LL.D., kull meta iċ-*Chairman* ma jkunx jista' minħabba indispożizzjoni jew raġuni oħra skond il-liġi.

Il-5 ta' April, 2007
(MJ/7/88/II)

No. 321

AGRICULTURAL LEASES (RELETTING) ACT (CAP. 199)
RURAL LEASES CONTROL BOARD - GOZO

Appointment of Substitute Chairperson

IN exercise of the powers conferred by section 5 of the Agricultural Leases (Reletting) Act (Cap. 199) the Prime Minister has appointed as Substitute Chairperson of Magistrate Dr Anthony Ellul, B.A. (Hons.) Pub. Admin., LL.D., whenever the Chairman cannot act because of some indisposition or other reason at law.

5th April, 2007

Nru. 322

PORT LABOUR JOINT COUNCIL

NGĦARRFU li skond l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap. 171), il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva li l-Membri li jirrapreżentaw lill-Ħaddiema tal-Port fuq il-*Port Labour Joint Council* huma:-

Is-Sur Joe Saliba
Is-Sur Carmel Baldacchino
Is-Sur Frans Abela
Is-Sur George Zammit
Is-Sur Nazzareno Bugeja

L-10 ta' April, 2007

No. 322

PORT LABOUR JOINT COUNCIL

IT is notified that in terms of the Port Workers Ordinance (Cap. 171), the Minister for Competitiveness and Communications has directed that the Members representing the Port Workers on the Port Labour Joint Council be as follows:-

Mr Joe Saliba
Mr Carmel Baldacchino
Mr Frans Abela
Mr George Zammit
Mr Nazzareno Bugeja

10th April, 2007

Nru. 323

FOND TAL-PENSJONI U TAL-KONTINĠENZI

NGĦARRFU li skond Artikolu 32 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħaddiema tal-Port, il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva li l-Membri li jirrapreżentaw lill-Ħaddiema tal-Port fuq il-Kumitat tal-Fond tal-Pensjoni u tal-Kontinġenzi huma:-

Is-Sur Joe Saliba
Is-Sur Carmel Baldacchino

L-10 ta' April, 2007

No. 323

PENSIONS AND CONTINGENCY FUND COMMITTEE

IT is notified that in terms of Article 32 of the Port Workers Regulations, 1993, the Minister for Competitiveness and Communications has directed that the Members representing the Port Workers on the Pensions and Contingency Fund Committee be as follows:

Mr Joe Saliba
Mr Carmel Baldacchino

10th April, 2007

Nru. 324

BORD DWAR IL-KWISTJONIJIET TAL-PORT

NGĦARRFU li skond l-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port (Kap. 171), il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva li l-Membru li jirrappreżenta lill-Ħaddiema tal-Port fuq il-Bord dwar il-Kwistjonijiet tal-Port huwa s-Sur Joe Saliba.

L-10 ta' April, 2007

No. 324

PORT DISPUTES BOARD

IT is notified that in terms of the Port Workers Ordinance (Cap. 171), the Minister for Competitiveness and Communications has directed that the Member representing the Port Workers on the Port Disputes Board is Mr Joe Saliba.

10th April, 2007

Nru. 325

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond l-artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) il-Ministru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva illi l-Awtorità Marittima ta' Malta tiġi kostwita kif ġej:-

Chairman
Dott. Marc Bonello, BE & A (Hons), MSc (Lond), Ph.d (Lond) Dic. EUR.Ing., A & CE

Viċi Chairman
Is-Sur Edgar Gatt
Membri
Is-Sur Oscar Borg BA (Hons) Econ, MBA (Lanc), (*ex-officio*)
Is-Sur Charles V Schembri (*ex-officio*)
Is-Sur Carmel S Vassallo (*ex-officio*)
Is-Sur Frank Galea
Dott. Vincent Moran, MD

Il-ħatra ta' l-Awtorità hi għal sena b'seħħ mill-1 ta' April 2007.

L-10 ta' April, 2007

No. 325

MALTA MARITIME AUTHORITY

IT is notified that in terms of section 4 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352) the Minister for Competitiveness and Communications has approved that the Malta Maritime Authority be constituted as follows:

Chairman
Dr Marc Bonello, BE & A (Hons), MSc (Lond), Ph.d (Lond) Dic. EUR.Ing., A & CE

Vice Chairman
Mr Edgar Gatt
Members
Mr Oscar Borg BA (Hons) Econ, MBA (Lanc), (ex-officio)

Mr Charles V Schembri (ex-officio)
Mr Carmel S Vassallo (ex-officio)
Mr Frank Galea
Dr Vincent Moran, MD

The appointment of the Authority is for one year with effect from 1st April 2007.

10th April, 2007

Nru. 326

NOMINA TA' MEMBRI TAL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol, innonima lis-Sinjuri hawn taħt imsemmija bħala membri tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb li beda jseħħ mill-1 ta' Marzu 2007 sal-31 ta' Diċembru 2009.

No. 326

APPOINTMENT OF MEMBERS OF THE NATIONAL BOOK COUNCIL

IT is notified for the general information that the Minister of Education, Youth and Employment, has appointed the persons listed hereunder on the National Book Council, for a term commencing from 1st March 2007 and terminating on the 31st December 2009.

Chairperson
Dott. Ġorġ Mallia

Membri
Is-Sur Philip Borg
Ms Greta Borg Carabot
Ms Priscilla Camilleri
Is-Sur Charles Casha
Is-Sur Sergio Grech
Is-Sur Paul Mizzi
Ms Marthese Paris
Is-Sur Trevor Zahra

L-10 ta' April, 2007

Chairperson
Dr Ġorġ Mallia

Members
Mr Philip Borg
Ms Greta Borg Carabot
Ms Priscilla Camilleri
Mr Charles Casha
Mr Sergio Grech
Mr Paul Mizzi
Ms Marthese Paris
Mr Trevor Zahra

10th April, 2007

Nru. 327

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp (Kap. 356)

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:-

Iċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, f'Raħal Ġdid

(ara l-pjanta f'paġna 3813) hi ta' valur storiku, arkitettoniku, u ta' valur fil-kuntest li tinsab fih, hekk li għandha tiġi inkluża fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-Artikolu 46 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-elementi ewlenin arkitettoniċi qed isofru minn deterjorazzjoni naturali.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skond Artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Iċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata flimkien ma l-elementi ewlenin, jiġifieri:

No. 327

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, (Cap. 356)

THE Malta Environment and Planning Authority believes that the following property, namely:-

Santa Marija Addolorata Cemetery, Paola

(see site plan on page 3813) is of historical, architectural, and contextual value such that it should be listed as a Scheduled Property in terms of Section 46 of the Development Planning Act.

The Authority also believes that the main architectural elements of the property are suffering from natural deterioration.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

(i) The Addolorata Cemetery and its main elements, namely:

i. Id-daħla prinċipali;
ii. Uffiċċju amministrattiv;
iii. Id-dar tal-Kappillan;
iv. Is-Salib monumentali;
v. L-excedra;
vi. It-taraġ monumentali;
vii. Il-knisja u pjattaforma ta' taħtha;
viii. Il-kamra mortwarja u l-kripta ta' taħtha;
ix. L-osswarji;
x. Id-daħla ta' wara;
xi. Il-kmajra tal-ġardinar;
xii. Il-ġiebja
xiii. Id-daħla ta' St. Luċija, u
xiv. Il-ħajt li jdawwar iċ-ċimiterju

għandhom jitqiesu bħala proprjetà ta' Grad 1, skond il-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku, arkitettoniku u għall-kuntest li jinstabu fih.

(ii) ħsarat, żvilupp, jew ċaqliq ta' materjal, tneħħija ta' ġebel, skavi, jew alterazzjonijiet, inkluż ta' *"fittings"* u aperturi, ma' jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà msemmija li tinkludi l-elementi arkitettoniċi taċ-ċimiterju msemmija qabel.

(iii) Kull użu żvilupp u restawr fil-konfini tal-proprjetà msemmija hawn fuq għandu jkollu permess validu maħruġ mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

(iv) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra li jistgħu jsiru fuq il-proprjetà msemmija, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'konsultazzjoni mas-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà jiġrilha ħsara, tinbidel, titwaqqa' jew tinqered għal kollox bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' infurzar, kif imfissra fl-Artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jaħseb għall-pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

L-10 ta' April, 2007

i. The entrance gate;
ii. Administration office;
iii. The Chaplain's quarters;
iv. The monumental cross;
v. The excedra;
vi. The monumental stairs;
vii. The church and platform;
viii. The mortuary and underlying crypt;
ix. The charnel houses;
x. The rear gate;
xi. The gardener's lodge;
xii. The reservoir;
xiii. St. Luċija gate, and
xiv. The boundary wall

are to be considered as Grade 1 scheduled property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of their historical, architectural, and contextual values.

(ii) Damage, development, or movement of material, excavation, removal of stones, or alterations, including fittings and apertures, affecting the aforementioned architectural elements of the said cemetery is prohibited.


(iii) All uses, development or restoration works in the aforementioned property are to be covered by a valid permit from the Malta Environment and Planning Authority.

(iv) All developments, alterations or interventions in this property, which might be permissible, must be approved in advance by the Malta Environment and Planning Authority in consultation with the Superintendence of Cultural Heritage.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is damaged, altered, demolished or destroyed in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

10th April, 2007



Malta Environment & Planning Authority

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E54513, N69337 Max E553581, N702671

St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
PO Box 200, Valletta
Tel:(+356)2290 0000
Fax: (+356)2290 2295

MEPA

Title :-

Emergency Conservation Order Santa Marija Addolorata Cemetery, Paola

Ref No. :- GF 0040/07

Cemetery Grade 1 Embankments & Stairs

1 - Entrance Gate 2 - Administrative Office 3 - Chaplain's Quarters
4 - Monumental Cross 5 - Exedra 6 - Monumental Stairs
7 - Church & Platform 8 - Mortuary & Crypt 9 - Charnel Houses
10 - Rear Gate 11 - Gardener's Lodge 12 - Reserviour
13 - St. Luċija Gate 14 - Boundary Wall

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 29

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu, jiddawru jew jipparkjaw mat-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-hinijiet indikati.

Il-Furjana

Nhar il-Ħadd, il-15 ta' April 2007 mis-7.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Publiju bejn Sarria, il-Mall, il-Konservatorju, l-Iljun, l-Argotti, San Tumas, l-Imħażen, il-Miratur u San Publiju lejn il-Knisja.

Nhar it-Tnejn, is-16 ta' April 2007 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Publiju bejn Sarria, V. Dimech, l-Iljun, il-Konservatorju, il-Mall, l-Argotti, Sarria lejn San Tumas, Sant'Anna, il-Miratur, San Publiju lejn il-Knisja.

Nhar is-Sibt, il-21 ta' April 2007 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Publiju u l-Miratur.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' April 2007 mis-7.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Sant'Anna, il-Miratur, l-Isqof Mauro Caruana, San Publiju lejn il-Knisja.

Nhar il-Ħadd, it-22 ta' April 2007 mis-2.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza San Publiju, V. Dimech bejn il-Mall, Pjazza Kalċidonju bejn il-Konservatorju, il-Konservatorju, il-Mall bejn il-Konservatorju u l-Ġonna ta' l-Argotti, Sarria bejn il-Ġonna ta' l-Argotti u San Tumas, San Tumas bejn Sarria u l-Imħażen, l-Imħażen bejn San Tumas u l-Miratur, il-Miratur bejn l-Imħażen u San Publiju, San Publiju bejn il-Miratur u Pjazza San Publiju.

L-10 ta' April, 2007

POLICE NOTICE

No. 29

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as No Parking and Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Floriana

On Sunday, 15th April 2007 at 7.00 a.m. onwards through the following streets: Pjazza San Publiju between Sarria, il-Mall, il-Konservatorju, l-Iljun, l-Argotti, San Tumas, l-Imħażen, il-Miratur and San Publiju towards the Church.

On Monday, 16th April 2007 at 3.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza San Publiju between Sarria, V. Dimech, l-Iljun, il-Konservatorju, il-Mall, l-Argotti, Sarria towards San Tumas, Sant'Anna, il-Miratur, San Publiju towards the Church.

On Saturday, 21st April 2007 at 3.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza San Publiju and il-Miratur.

On Sunday, 22nd April 2007 at 7.00 a.m. onwards through the following streets: Sant'Anna, il-Miratur, l-Isqof Mauro Caruana, San Publiju towards the Church.

On Sunday, 22nd April 2007 at 2.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza San Publiju, V. Dimech between il-Mall, Pjazza Kalċidonju between il-Konservatorju, il-Konservatorju, il-Mall between il-Konservatorju and Argotti Gardens, Sarria between Argotti Gardens and San Tumas, San Tumas between Sarria and l-Imħażen, l-Imħażen between San Tumas and il-Miratur, il-Miratur between l-Imħażen and San Publiju, San Publiju between il-Miratur and Pjazza San Publiju.

10th April, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 15 ta' l-2007

Taħriġ ta' Sparar Attiv ta' Aerial Gunnery fir-Ranges ta' Pembroke

Il-forzi Armati ta' Malta bi ħsiebhom jagħmlu taħriġ ta' sparar attiv ta' *Aerial Gunnery* minn Allouette Helicopter għal fuq il-baħar 'l hinn mir-*ranges* ta' Pembroke nhar il-Ħamis, it-12 ta' April, 2007.

Il-ħinijiet ta' l-isparar se jkunu mid-9.00 a.m. sa l-4.00 p.m. ħin lokali (7.00 a.m. sas-2.00 p.m. UTC).

2. It-taħriġ se jsir f'inħawi magħluqa fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

Mill-pożizzjoni A:

Latitude 35° 55'. 93 Tramuntana *Longitude* 14° 28'. 96 Lvant

u minn hemm fuq *bearing* ta' 335 *True* x 8.5 mili nawtiċi sa:

Pożizzjoni B:

Latitude 36° 03'. 63 Tramuntana *Longitude* 14° 24'. 54 Lvant

u minn hemm fuq ark ta' raġġ ta' ċirku ta' 8.5 mili nawtiċi ċentrat fuq il-pożizzjoni A sa:

Pożizzjoni Ċ:

Latitude 36° 00'. 18 Tramuntana *Longitude* 14° 37'. 93 Lvant

u minn hemm fuq *bearing* ta' 240 *True* għall-pożizzjoni A.

Il-bastimenti kollha għandhom iżommu 'l bogħod mill-inħawi ta' l-isparar fid-dati u l-ħinijiet imsemmija u għandhom jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija mis-*Safety Launches* li jkunu jbaħħru f'dawk l-inħawi u l-*Valletta Port Control*.

C*hart* affettwata BA 194, 2538 u 2537.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 DATUM

L-10 ta' April, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 15 of 2007

Aerial Gunnery Shoot at Pembroke Ranges

The Armed Forces of Malta intend to conduct an Aerial Gunnery live firing practices from the Allouette Helicopter out to Sea off Pembroke Ranges on Thursday, 12th April, 2007.

Timings of the shoot will be from 9.00 a.m. to 4.00 p.m. local time (7.00 a.m. to 2.00 p.m. UTC).

2. The exercise will take place in the area enclosed by the following positions:

From position A:

Latitude 35° 55'. 93 North Longitude 14° 28'. 96 East

thence on a bearing of 335 True x 8.5 nautical miles to:

Position B:

Latitude 36° 03'. 63 North Longitude14°24'. 54 East

thence on an arc of a circle radius 8.5 nautical miles centred on position A to:

Position C:

Latitude 36° 00'. 18 North Longitude14° 37'. 93 East

thence on a bearing of 240 True to position A.

All vessels must keep well clear of the above firing areas on the dates and times stated and must obey instructions given by Safety Launches patrolling the area and the Valletta Port Control.

Chart affected BA 194, 2538, 2537.

Positions referred to WGS 84 DATUM.

10th April, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Risk Analysis Coordinator* fil-*Unit* ta' l-*Integrated Administration and Control System* fit-Taqsima ta' l-Affarijiet Rurali u l-Aġenzija tal-Pagamenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Risk Analysis Coordinator* fil-*Unit* ta' l-*Integrated Administration and Control System* fit-Taqsima ta' l-Affarijiet Rurali u l-Aġenzija tal-Pagamenti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Risk Analysis Coordinator* fil-*Unit* ta' l-*Integrated Administration and Control System* fit-Taqsima ta' l-Affarijiet Rurali u Aġenzija tal-Pagament, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Risk Analysis Coordinator* matul il-perjodu tal-kuntratt, ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Serviz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha ma' l-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perijodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Risk Analysis Coordinator* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv ta' persuna magħżula jitla' għal aktar minn Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 7 (li fis-sena 2007 huwa ta' Lm6,948 (€16,184.49) fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm228 (€531.10) sa massimu ta' Lm8,316 (€19,371.07)). F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Risk Analysis Coordinator* fil-*Unit* ta' l-*Integrated Administration and Control System* jinkludu:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Risk Analysis Coordinator in the Integrated Administration and Control System Unit within Rural Affairs and Paying Agency Division, Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the position of Risk Analysis Coordinator in the Integrated Administration and Control System Unit within the Rural Affairs and Paying Agency Division, Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2.1. The selected candidate will enter into a three-year contract as a Risk Analysis Coordinator in the Integrated Administration and Control System Unit within the Rural Affairs and the Paying Agency Division, Ministry for Rural Affairs and the Environment. Unsatisfactory performance as Risk Analysis Coordinator during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Risk Analysis Coordinator and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. The salary attached to the position of Risk Analysis Coordinator is equivalent to Salary Scale 7 (which in the year 2007 is Lm6,948 (€16,184.49) per annum rising by annual increments of Lm228 (€531.10) up to a maximum of Lm8,316 (€19,371.07). In case the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 The duties of Risk Analysis Coordinator in the Integrated Administration and Control System Unit include:

(a) li tikkoordina u timmaniġġja l-proċess ta' analiżi tar-riskju għas-selezzjoni ta' talbiet għall-pagamenti minn bdiewa taħt il-Politika Agrikola Komuni b'rigward ta' l-EAGGF – *Guarantee Section* biex ikunu suġġetti għal kontrolli fuq il-post kif rikjest minn Artikolu 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 2419/2001, emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 118/2004;

(b) li tistabbilixxi l-kriterji għas-selezzjoni sabiex ikun possibbli t-*targeting* ta' kontrolli fiżiċi fuq ħbula ta' art agrikola u/jew irziezet li jippreżentaw l-ikbar riskju, u fejn neċessarju taħdem mill-qrib mal-*Head* ta' l-Aġenzija tal-Pagamenti u ma' *Central Manager (IACS)* għas-selezzjoni ta' dawn il-kriterji;

(ċ) li tidentifika elementi ta' riskju, u twettaq kalkoli kwantitattivi u kwalitattivi ta' dawn l-elementi sabiex jiġu stabbiliti kriterji għas-selezzjoni affidabbli u relevanti;

(d) li tiddentifika, bl-aħjar żvilupp strateġiku, teknoloġija ta' l-informatika relatata ma' l-immaniġġjar effiċjenti ta' analiżi tar-riskju, u li jaħdem mill-qrib ma' l-entità responsabbli għall-iżvilupp tas-*software*;

(e) li twettaq l-eżekuzzjoni proprja tal-proċedura ta' l-analiżi tar-riskju, kif maħdum fi stadji differenti, kif u meta rikjest mis-sekwenza tal-proċess għall-immaniġġjar u kontroll ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna għal skemi ta' pagamenti li jikkonċernaw l-iskema ta' l-EAGGF – *Guarantee Section* u skemi oħra.

4.2 Lista kompleta tad-dmirijiet li huma konnessi ma' din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mingħand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Taqsima tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5. L-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta;

JEW

(b) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(ċ) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(d) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq,

(a) coordinating and managing the risk analysis process for the selection of payment claims by farmers under the Common Agricultural Policy regarding the EAGGF – Guarantee Section to be subjected to on-the-spot checks as required by Article 19 of the Commission Regulation (EC) No. 2419/2001, amended by Commission Regulation (EC) No. 118/2004;

(b) setting out the selection criteria in order to enable the targeting of physical checks on agricultural parcels and/or farms presenting greatest risk, and where necessary liaising with the Head of the Paying Agency and the Central Manager (IACS) for the selection of such criteria;

(c) identifying risk elements, and carrying out the quantitative and qualitative assessment of these elements in order to establish reliable and relevant selection criteria;

(d) identifying, vis-a'-vis the best strategy development, information technology related to the efficient management of the risk analysis, and liaising with the body responsible for the development of the software;

(e) performing the actual execution of the risk analysis procedure, carried out in different stages, as and when required by the sequence of the process for the management and control of aid, applications for payment schemes concerning the EAGGF – Guarantee Section and other Schemes.

4.2 A complete position description appertaining to this position can be obtained from the Department of Corporate Services, Human Resources Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5. Applicants must be:-

(i) (a) citizens of Malta;

OR

(b) citizens of another European Union member state;

OR

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above,

sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(i) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ii) (a) ikollhom *postgraduate degree* rikonoxxuta jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli fil-*Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies* jew oqsma relatati oħra, u mill-inqas sena esperjenza ta' xogħol f'materji ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(b) ikollhom *first degree* relevanti rikonoxxuta jew kwalifika oħra rikonoxxuta komparabbli fil-*Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies* jew oqsma relatati oħra, mill-inqas tliet snin esperjenza ta' xogħol f'materji ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(ċ) Uffiċjali Pubbliċi bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fi skala ta' salarju mhux inqas minn Skala 10 u mill-inqas sitt snin esperjenza ta' xogħol f'materja ta' l-Unjoni Ewropea.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li għandhom *track record* maniġerjali tajjeb (u li ta' dan iridu juru evidenza li laħqu l-miri tagħhom b'suċċess f'pożizzjonijiet preċedenti), u li għandhom esperjenza relatata ma' l-IACS.

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) (a) in possession of a recognised postgraduate degree, or a recognised appropriate comparable qualification, in Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies or a related area of study, and at least one year work experience in EU matters; or

(b) in possession of a first degree, or a recognised appropriate comparable qualification in Business Administration, Accountancy, Economics, European Studies or a related area of study, and at least three years work experience in EU matters; or

(c) Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service in a salary scale not below Scale 10 with at least six years work experience in EU matters.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6. Due consideration will be given to applicants who have a good track record in management and produce evidence of having been achievement-oriented in previous positions and who have experience related to IACS.

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-uffiċjali pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

8. On engagement, selected applicants will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address: http://www.mpo.gov.mt

9.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal *interview* minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adati għal din il-pożizzjoni.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

9.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment.

9.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

10.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.2 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad

10.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of

m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

12. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn *il-websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Taqsima tar-Riżorsi Umani, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju 2007.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 4 ta' Mejju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2299 1162.

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur (Servizzi Korporattivi), Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-10 ta' April, 2007

this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, Human Resources Section, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

13. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (Corporate Services) at the Ministry for Rural Affairs and the Environment by not later than noon of Friday, 4th May 2007.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 4th May 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is + 356 2299 1162.

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (Corporate Services), Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

10th April, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjonijiet ta' *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

2.1. Il-persuni magħżula jidħlu f'kuntratt għal tliet snin bħala *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Persuni li ma jkunux taw sehem sodisfaċenti bħala *Accounting Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollhom il-kuntratt tagħhom terminat.

2.2. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi li għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, huma jżommu l-grad sutantiv tagħhom waqt il-perjodu tal-kuntratt u jerġgħu lura għall-grad sustantiv tagħhom meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuni magħżula li ma jkunux Uffiċjal Pubbliċi li għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħhom mal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuni magħżula jkunu Uffiċjali Pubbliċi li għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, jiġu maħtura fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 10, huma jkunu mistennija li jħallu d-doveri ta' *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi u jkunu trasferiti għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħhom. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuni magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 10 permezz ta' *progression*, il-persuni jithallew ikompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Accounting Officer* fid-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 10 (bħalissa Lm5,782 x Lm175 – Lm6,832 (€13,468.44 x €407.64 - €15,914.28)). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. Id-doveri ewlenin ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Accounting Officer* jinkludu li:

(a) timplimenta l-introduzzjoni tar-riforma finanzjarja, b'mod speċjali dawk l-aspetti relatati ma' l-*Accrual Accounting*;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Positions of Accounting Officer at the Department of Corporate Services within the Ministry of Foreign Affairs

The Public Service Commission invites applications for the positions of Accounting Officer at the Department of Corporate Services within the Ministry of Foreign Affairs.

2.1. The selected candidates will enter into a three-year contract as Accounting Officer in the Department of Corporate Services within the Ministry of Foreign Affairs. Unsatisfactory performance as Accounting Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidates are Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service, they will retain their substantive grade during the contractual period and will revert to their substantive grade on termination of the contract. In the case of selected candidates who are not Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service, their service with the Department of Corporate Services within the Ministry of Foreign Affairs as well as with Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3. If the selected candidates are Public Officers holding a substantive grade in the Malta Public Service and during the contract period are appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 10, they will be required to relinquish the duties of Accounting Officer in the Department of Corporate Services and be transferred to duties pertinent to their new grade. However, if the substantive salary of the selected officers becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, they will be allowed to complete their term of engagement as provided by the contract in force.

3. The position of Accounting Officer in the Department of Corporate Services within the Ministry of Foreign Affairs carries a salary equivalent to Salary Scale 10 (currently Lm 5,782 x 175 – Lm 6,832 (€13,468.44 x €407.64 - €15,914.28)). In the case that a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which they are entitled by virtue of their substantive grade and the salary of this position will be paid as a non-pensionable allowance.

4. The duties of Accounting Officer include, inter alia:

(a) Implementing financial management reform initiatives, especially those relating to Accrual Accounting;

(b) tipproċessa fatturi u dokumenti oħra tal-ħlasijiet inkluż l-awtorizzazzjoni tat-talbiet dipartimentali, l-ordnijiet għax-xiri lokali u l-irċevuti tal-ħlasijiet;

(c) tipproċessa trasferimenti ta' fondi minn *item* għall-ieħor ta' l-estimi finanzjarji, joriġina skedi tal-ħlasijiet u Trasferimenti u Aġġustamenti fuq is-Sistema tal-Kontabbiltà tad-Dipartiment;

(d) thejji rapporti perjodiċi inklużi rapporti ta' kull tliet xhur dwar l-*Accrual Accounting*, l-Estimi Riveduti ta' kull xahar, l-istimi dwar id-dħul u l-ħruġ tal-flus tat-teżor u rapporti oħra finanzjarji;

(e) tieħu ħsieb is-Sistema ta' l-*Stock Control* inkluż il-ħruġ u d-dħul ta' oġġetti maħżuna;

(f) tikkordina l-ħruġ ta' fondi lejn entitajiet ikkontrollati mill-Gvern inkluż ir-reviżjoni ta' *Management Accounts*, *statements* dwar il-ħruġ u d-dħul tal-flus u rapporti oħra finanzjarji ppreżentati lill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin;

(g) tgħin lill-*Information Management Officer* u l-*management* dipartimentali fix-xiri ta' tagħmir tat-teknoloġija ta' l-informatika bl-użu tal-proċess ta' l-*e-Procurement*;

(h) tamministra u fejn meħtieġ tgħin fil-ħruġ u l-għeluq ta' *advances* għal safar uffiċjali kif ukoll fil-proċeduri ta' wara ta' rifużjoni (fejn japplika);

(i) tgħin lill-*management* fit-tmexxija tat-Taqsima Finanzi u Amministrazzjoni.

Il-persuna magħżula tingħata taħriġ formali u fuq ix-xogħol proprju f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċeduri dipartimentali u l-informazzjoni relevanti u s-sistemi tal-kontabbiltà.

5. L-applikanti għandhom ikunu:

(a) (i) ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea);

JEW

(b) Processing invoices and other documents for payments including authorization of departmental requisitions, local purchase orders and payment vouchers;

(c) Processing transfer of funds across budgetary items, originates payment schedules and transfer and adjustments on the Departmental Accounting System;

(d) Compiling periodic reports including quarterly Accrual Accounting Reports, monthly Revised Estimates, treasury cash flow projections and other financial reports;

(e) Supervising the Stock Control System including the issue and receipt of stores;

(f) Coordinating the release of funds in favour of government controlled entities including review of management accounts, cash flow statements and other financial reports presented to MFA as part of the process;

(g) Assisting Information Management Officer and departmental management in the purchase of IT equipment using the e-Procurement process;

(h) Supervising and when necessary assisting in the issue and closing of overseas travel advances and the subsequent reimbursement procedures (if applicable);

(i) Assisting management in the daily running of the Finance and Administration Branch.

Selected candidates will be provided with on-the-job and formal training in departmental procedures and relevant information and accounting systems.

5. Applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ċ) ikollhom *degree* rikonoxxuta fl-*Accountancy*, jew kwalifika oħra xierqa u komparabbli;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li l-applikanti li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn tibdil raġonevoli skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2. Hija r-responsabiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession of a recognised degree in accountancy or an appropriate and comparable qualification;

(d) of a good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413) even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with the applications; originals to be produced for verification at the interview).

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary

terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u muri fin-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, it-tieni sular, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

8.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fuq http://www.psc .gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

8.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi żgurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

10. Malli jkunu ingaġġati, persuni magħżula jintrabtu bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti:–

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mil-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Valletta.

education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and on the notice board of the Ministry of Foreign Affairs, 2nd floor, Palazzo Parisio, Merchant Street, Valletta.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc .gov.mt

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding ċ holding a substantive appointment in the Malta Public Service, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address: http://www.mpo.gov.mt.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchant Street, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta CMR02 sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Mejju, 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' fax jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju, 2007, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand is-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* ta' l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin huwa +365 2123 6604).

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn lis-Segretarju Permanenti, fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mis-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

L-10 ta' April, 2007

12. Applications together with a *curriculum vitae* indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchant Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 4th May, 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by Friday, 4th May 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary's Office, Ministry of Foreign Affairs, Merchant Street, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs is +356 21236604).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs and a receipt given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, within seven (7) days.

10th April, 2007

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet għal-Liċenzi ta' *Wireman*

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Lokali Pubbliċi jgħarrfu illi għandu jsir eżami f'Lulju 2007 sabiex l-applikanti li jgħaddu jkunu jistgħu japplikaw għand l-Awtorità tar-Riżorsi Maltija għall-ħruġ ta' Liċenza 'A' u 'B', kif stipulat fl-Att ta' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423).

2. L-eżamijiet għandhom isiru kif ġej:

(a) Eżami għal-Liċenza A – *General House Installation*

Karta I *Electrical Theory*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Mass), 50 (Min)

Karta II *Electrical Installation Technology*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Max), 50 (Min)

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Wireman's Licences Examinations

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations notify that an examination will be held in July 2007 to enable successful candidates to apply to the Malta Resources Authority for the issue of Licences 'A' and 'B' as stipulated in the Malta Resources Authority Act (Cap. 423).

2. The examination will be held in two sections as follows:

(a) Licence A Examination – General House Installation

Paper I Electrical Theory
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

Paper II Electrical Installation Technology
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

(b) Eżami għal-Liċenza B – *Factory Wiring*

Karta I *Electrical Theory*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Mass), 50 (Min)

Karta II *Electrical Installation Technology*
(Ħin: 3 sigħat)
Marki: 100 (Mass), 50 (Min)

Il-kandidati li se jersqu għal Liċenza A jew Liċenza B iridu jiksbu *pass mark* fiż-żewġ karti. Huma jkunu mitluba wkoll joqogħdu għall-eżami Prattiku/Intervista. Biex jgħaddu mill-eżami l-kandidati jridu jiksbu wkoll *pass* fl-eżami Prattiku/Intervista.

3. Il-kandidati ma jitħallewx jersqu għall-Eżami tal-Liċenza B jekk ma jkollhomx Liċenza A.

4. L-applikanti li kkwalifikaw fil-karti bil-miktub iżda weħlu fl-eżami Prattiku/Intervista m'għandomx għalfejn joqogħdu għall-karti bil-miktub sakemm l-eżami Prattiku/Intervista jsir fi żmien li ma jaqbiżx is-sentejn mill-eżami bil-miktub.

5. Il-formoli ta' l-applikazzjoni (dawk biss li jintlaqgħu) jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex jew mill-*website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet fuq www.exams.gov.mt/umaint/local_lic_app.doc mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

6. Dawn l-applikazzjonijiet ikunu milqugħa fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u ċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, minn nhar it-Tnejn, is-7 ta' Mejju, 2007, sa nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Mejju, 2007 bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u mis-1.30 p.m. sa l-4.00 p.m.

7. Ma' l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu:–

(a) il-Karta ta' l-Identità tal-kandidat (għandha tinthemeż fotokopja);

(b) ċertifikati u dokumenti ta' esperjenza teknika fil-*Wiring* ta' l-elettriku li jista' jkollu l-applikant;

(ċ) il-ħlas tar-reġistrazzjoni ta' Lm4 (€9.32) preferibbilment b'hekk indirizzat lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet.

8. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

9. Wieħed jista' jara kopja tas-sillabu fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju. **L-applikanti għandhom jinnotaw li l-kalkoli kollha jingħataw f'S.I. *Units*.**

(b) Licence B Examination – Factory Wiring

Paper I Electrical Theory
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

Paper II Electrical Installation Technology
(Time allowed: 3 hours)
Marks 100 (Max), 50 (Min)

Candidates sitting either for Licence A or for Licence B must obtain a pass mark in both papers. They will also be required to sit for the Practical/Interviewing Test. Candidates must obtain a Pass in the Practical/Interviewing Test in order to be successful.

3. Candidates will not be allowed to sit for Licence B Examination unless they are in possession of Licence A.

4. Applicants who have qualified in the written papers but failed in the Practical/Interviewing Test do not need to resit for the written papers as long as the Practical/Interviewing test is taken within a period not exceeding 2 years from the Written Test.

5. Application forms (the only ones admissible) may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo or from the Department of Examinations website on www.exams.gov.mt/umaint/local_lic_app.doc, from the date of publication of this notice.

6. Applications will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo as from Monday, 7th May, 2007 to Friday, 11th May, 2007, from 8.00 a.m. to noon and 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

7. Applications should be accompanied by:-

(a) a candidate's Identity Card (photocopy to be attached);

(b) certificates and testimonials of technical experience in electrical wiring which are in possession of the applicant;

(c) a fee of Lm4 (€9.32) preferably by cheque payable to the Department of Examinations.

8. Late applications will not be considered.

9. A copy of the syllabus of the examination may be seen at the Department of Examinations, Floriana and the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours. **Applicants should note that all calculations will be given in S.I. Units.**

10. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali għandu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur ta' l-istruzzjonijiet maħruġa biex jiġu ggwidati l-kandidati.

11. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar karta waħda biss jew stadju partikulari ta' l-eżami.

L-10 ta' April, 2007

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Ħruġ ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-Art

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet u l-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jgħarrfu illi f'Mejju 2007 se jsiru eżamijiet għall-ħruġ ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-art.

2. Jingħataw liċenzi kif jidher hawn taħt:–

A. *Engine Driver (Steam)* (It-Tieni Grad)
B. *Engine Driver (Steam)* (L-Ewwel Grad)
Ċ. *Engine Driver* (Kombustjoni Interna) (It-Tieni Grad)
D. *Engine Driver* (Kombustjoni Interna) (L-Ewwel Grad)
E. *Electric Motor Driver* (It-Tieni Grad)
F. *Electric Motor Driver* (L-Ewwel Grad)

3. Ebda kandidat ma jitħalla joqgħod għall-eżami ta' l-Ewwel Grad kemm-il darba ma jkollux il-liċenza rispettiva tat-tieni grad u kemm-il darba ma jkunx għamel 18-il xahar bħala *Engine Driver* jew *Electric Motor Driver* fuq l-Art.

4. Eżamijiet tat-Tieni Grad ikunu eżamijiet orali biss.

5. L-eżamijiet ta' l-Ewwel Grad ikunu jikkonsistu f'eżamijiet bil-miktub u orali.

6. Wieħed jista' jara r-Regolamenti u s-Sillabu ta' l-Eżamijiet li ġew ippubblikati fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 340 tas-6 ta' Awissu, 1954, u li ġew emendati b'Avviż Legali Nru. 26 ta' l-1964, fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

7. Il-kandidat li joqgħod għall-eżamijiet tat-Tieni Grad għandu jkun għalaq id-dsatax-il sena sa l-1 ta' Novembru, 2006, u jippreżenta:–

10. The Board of Local Public Examinations shall have the power to deal summarily with any candidate who while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

11. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one paper or a particular stage of the examination.

10th April, 2007

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examinations for the Issue of Engine Driver Licences (Land)

The Director of Examinations and the Board of Local Public Examinations, notify that examinations for the issue of Engine Driver Licences (Land) will be held in May, 2007.

2. The following licences will be granted:–

A. Engine Driver (Steam) (Second Grade).
B. Engine Driver (Steam) (First Grade).
C. Engine Driver (Internal Combustion) (Second Grade).
D. Engine Driver (Internal Combustion) (First Grade).
E. Electric Motor Driver (Second Grade).
F. Electric Motor Driver (First Grade).

3. No candidate will be allowed to take a First Grade examination unless he is in possession of the respective Second Grade licence and unless he has served for 18 months as Engine or Electric Motor Driver on Land.

4. Second Grade examinations will consist of oral examinations only.

5. First Grade examinations will consist of written and oral examinations.

6. The Regulations and Syllabus of the Examinations which were published in Government Notice No. 340 of 6th August, 1954, and which were amended by Legal Notice No. 26 of 1964, are available for perusal by candidates at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

7. A candidate sitting for second grade examinations must be 19 years of age by the 1st November, 2006 and must produce:–

(a) il-Karta uffiċjali ta' l-Identità u fotokopja tagħha;

(b) dokumenti li juru b'mod ċar il-perijodu tas-servizz, inklużi dati u klassi ta' xogħol, li fihom kien impjegat;

(ċ) ċertifikati li juru li hu għamel kors ta' sena b'riżultat tajjeb dwar l-inġinerija f'istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta jew li għandu kwalifiki ekwivalenti.

8. Il-kandidat li joqgħod għall-eżamijiet ta' l-Ewwel Grad għandu jippreżenta:–

(a) il-Karta uffiċjali ta' l-Identità u fotokopja tagħha;
(b) il-liċenza rispettiva tat-Tieni Grad u fotokopja tagħha;

(ċ) dokumenti li juru li hu serva għal 18-il xahar bħala *Engine Driver* jew *Electric Motor Driver* fuq l-art kif ikun il-każ.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana jew miċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, jew mill-*website* tad-Dipartiment ta' l-Eżamijiet fuq:
www.exams.gov.mt/umaint/local_lic_app.doc, mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

10. Dawn l-applikazzjonijiet (dawk biss li jintlaqgħu) akkumpanjati bi dritt ta' ħlas ta' Lm4 (€9.32)(li preferibbilment jitħallsu b'ċekk lid-Direttur ta' l-Eżamijiet) jintlaqgħu fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex minn nhar it-Tnejn, it-23 ta' April, 2007 sa nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' April, 2007, bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar u mis-1.30 p.m. sal-4.00 p.m.

11. Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard.

12. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta sommarjament ma' kull kandidat li, waqt li jkun qiegħed isir l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew xi ksur ieħor tar-Regolamenti maħruġa biex jiggwidaw il-kandidati.

13. Il-Bord ta' l-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jħassar l-eżami jekk tinstab xi irregolarità dwar dan l-eżami. Tħassir bħal dan jista' jkun dwar l-eżami kollu, ukoll jekk l-irregolarità li tinstab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari ta' l-eżami.

L-10 ta' April, 2007

(a) the official Identity Card and a photocopy thereof;

(b) testimonials stating clearly the period of service, including dates and classes of work, in which he has been employed;

(c) certificates showing that he has successfully completed a one-year engineering course at a recognized educational institution or that he possesses equivalent qualifications.

8. A candidate sitting for First Grade examinations must produce:–

(a) the official Identity Card and a photocopy thereof;
(b) the respective Second Grade licence and a photocopy therof;

(c) testimonials showing that he has served for 18 months as Engine or Electric Motor Driver on land as the case may be.

9. Application forms may be obtained from the Department of Examinations, Floriana or the Examinations Centre, Victoria, Gozo, or from the Department of Examinations' website on:
www.exams.gov.mt/umaint/local_lic_app.doc, from the date of publication of this notice.

10. Applications, (the only ones admissible) accompanied by a fee of Lm4 (€9.32) (preferably payable by cheque to the Director of Examinations) will be received at the Department of Examinations, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo as from Monday, 23rd April, 2007 to Friday, 27th April, 2007, from 8.00 a.m. to noon and from 1.30 p.m. to 4.00 p.m.

11. Late applications will not be considered.

12. The Board of Local Public Examinations shall have power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found to be guilty of misconduct or of any other breach of the instructions issued for the guidance of candidates.

13. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of a particular stage of the examination.

10th April, 2007

EUROPEAN UNION
GENERAL SECRETARIAT OF THE COUNCIL OF THE EUROPEAN UNION

Vacancies in the Financial Branch
(Budget Officer, Contracting Officer, Accounting Officer)
Ref. CONS/AD/055

The General Secretariat of the Council of the European Union is seeking to fill three vacancies in its financial branch in Brussels with military officers with experience in military operations or with civilians having similar experience. The three positions available are:

1) Budget Officer
2) Contracting Officer
3) Accounting Officer

The successful applicants will be offered a contract as temporary Council staff members, on the basis of Article 2 (b) of the Conditions of Employment of Other Servants, at grade AD 10, with a monthly salary of €7,438.91 (first step), for a maximum period of four years (including a probationary period of six months). It is envisaged that the employment should start by 1 September 2007 at the latest.

Details on job descriptions, tasks and specific qualifications required for each of the above positions and an application form may be found on the website of the Council of the European Union at http://www.consilium.europa.eu under "Contacts" – "Job Offers" – "Council notice of vacancy".

Applicants must:

- be nationals of one of the Member States of the European Union;
- enjoy full rights as citizens;
- have fulfilled any obligations imposed on them by the laws concerning military service;
- produce the appropriate character references as to their suitability for the performance of their duties.

Applications should be sent, preferably by registered mail, to the Selection and Recruitment Service, General Secretariat of the Council of the European Union, rue de la Loi 175, 1048 Brussels, not later than 30 April 2007, the postmark being taken as proof.

Applications will be considered only if they are fully documented, i.e. accompanied by:

a) a completed and signed application form;
b) a detailed curriculum vitae covering the applicant's whole career and indicating, inter alia, qualifications, knowledge of languages, experience and current duties and
c) supporting documents relating to diplomas and professional experience (photocopies only).
None of these documents will be returned.

Applicants must fulfil all the conditions for admission at the time of applying.

NB: These posts require security clearance allowing access to classified documents (level SECRET UE). Already having such clearance would be an advantage. Otherwise, those applying for the post will be understood to be prepared to undergo security screening under Council Decision No 264/01 of 19 March 2001.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

10th April, 2007

EUROPEAN UNION

Vacancies with Eurocustoms

Eurocustoms has published the following vacancy notices on its website at http://www.eurocustoms.org for experts to assist the Western Balkan states as part of its Customs and Fiscal Assistance Office Programme (the CAFAO Programme). The vacancies are for short period stays to assist in the fields of specialisation as indicated in the following list:

1. Taxpayer Management Expert, Pristina, Kosovo
2. IT Audit Expert (Customs/Tax), Tirana, Albania
3. Legal Short-Term Expert (in the Valuation-Origin field), Tirana, Albania
4. Organised Crime Initiative & Risk Analysis Expert, Tirana, Albania
5. Short-Term Training Expert (Delivery of Trainers' Training), Tirana, Albania
6. Direct Tax Expert (EU Code of Conduct for Business Taxation), Western Balkans – Albania, Bosnia and Herzegovina, former Yugoslav Republic of Macedonia, Kosovo, Montenegro and Serbia
7. Border and Inland Control Experts, Pristina, Kosovo
8. Customs IT Expert, Pristina, Kosovo
9. Expert for control of unauthorised entry routes, Pristina, Kosovo
10. Information and Document Management, Pristina, Kosovo
11. Expert for IT based investigation, Pristina, Kosovo
12. Expert for selection and search of vehicles, Pristina, Kosovo
13. Taxpayer Communication Expert, Pristina, Kosovo
14. Investigation (VAT) Expert, Banja Luka, Bosnia and Herzegovina

To apply for any of the above positions candidates must be serving European Customs or Tax Officers. Candidates must make their application via the national Eurocustoms Correspondent who in Malta's case is Mr Mario Brincat at the Customs Division, Customs House, Lascaris Wharf, Valletta.

Applications must be made on the Eurocustoms CV which may be downloaded from the above-mentioned Eurocustoms website. Candidates are to send their applications as a hard copy and in electronic format to Mr Mario Brincat at the above address and at his email address at Mario.brincat@gov.mt.

The closing date for applications for the above vacancies is 9th May 2007 and applications are to reach Mr Brincat by end of business day of the 25th April 2007.

Applicants must apply through their respective Permanent Secretary who should endorse the hard copy of their covering letter addressed to Mr Mario Brincat. Candidates are also to note that, if selected, they will have to apply for unpaid leave through the normal channels prior to accepting the position.

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

10th April, 2007

EUROPEAN UNION

European Food Safety Authority
Expression of Interest for Temporary Agents

The European Personnel Selection Office, EPSO, has published the following notices for an expression of interest in its Non-Permanent Posts Section at http://europa.eu.int/epso/temp-staff_en.htm on behalf of the European Food Safety Authority (EFSA) of the European Union for the following Temporary Agents:

EFSA/X/AD/2007/009	Junior Administrator (Human Resources), AD5. Closing Date: 07/05/2007
EFSA/X/AST/2007/010	Assistant - Human Resources, AST3. Closing Date: 07/05/2007
EFSA/X/AST/2007/014	Senior Assistant - Human Resources,AST4. Closing Date: 07/05/2007
EFSA/X/AST/2007/019	Call Dispatcher (Team Helpdesk), AST2. Closing Date: 07/05/2007
EFSA/X/AD/2007/020	Head of the Department "Risk Assessment", AD11. Closing Date: 14/05/2007

In order for applications to be considered valid, candidates must submit the completed and signed Application Form, a letter of motivation, and a CV in the EU format which may be downloaded from the website at:

http://europass.cedefop.eu.int/europass/home/hornav/Downloads/navigate.action?locale_id=1

An application will be considered admissible only if it includes a duly completed application form. These are issued in four working languages of the European Food Safety Authority (English, French, Italian and German). In order to facilitate the recruitment procedure, it is advised to apply in one of these four languages. Further information about these vacancies may be found at this web address:

http://www.efsa.europa.eu/en/opportunities/recruitment.html

Applications should e-mail their applications to www.efsa.europa.eu

Should applicants to choose to send a complete application by post, this must be to:

EFSA
Human Resources Unit
(application reference number)
Largo N. Palli, 5/A
I-43100. Parma

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

10th April, 2007

COMMISSION VACANCY NOTICE

For the Position of Director of the European Union Agency for Fundamental Rights (FRA)
(2007/C 74 A/01)

The Council of the European Union, upon a proposal of the European Commission and after having consulted the European Parliament, has adopted Regulation (EC) No 168/2007 of 15 February 2007 establishing a European Union Agency for Fundamental Rights (FRA). The Agency will deal with fundamental rights issues in the European Union and in its Member States when implementing Community law. The Agency has a vacancy for the position of Director.

The candidate is expected to take office in late summer/early autumn 2007. The Director's term of office will be five years. This term of office may be extended once for not more than three years, on the basis of an evaluation by the Commission. The grade for the position forming the subject of this call for applications is AD 14. The contract assigned to this position is temporary contract pursuant to Article 2(a) of the Conditions of Employment of Other Servants of the European Communities. The Director is subject to the Rules and Regulations applicable to officials and other servants of the European Communities. Further information can be found at: http://ec.europa.eu/civil_service/docs/toc100_en.pdf

Further information concerning this vacancy may be found in the Official Journal of the European Union 2007/C 74 A/01.

CVs should preferably be drafted using the European CV format[1]. Supporting documents (certified copies of degrees/diplomas, references, proof of experience etc.) should not be sent at this point but must be submitted at a later stage of the procedure if requested. Applications, preferably in English, French or German, should be sent by 30 April 2007, to one of the addresses below:

By e-mail to: JLS-DIR-FRA@ec.europa.eu
By registered post (date as postmark):
European Commission
'Justice, Freedom and Security' Directorate General
Directorate A, Unit A3
B-1049 Brussels

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

10th April, 2007

EUROPEAN AGENCY (EDA)

Vacancy Notice (EDA/A/2007/065a
(Agency's Temporary Staff)

The European Defence Agency is inviting applications to fill a vacancy for the post of Contracting Officer, AD 8, in the Corporate Services Directorate.

The successful candidate will be recruited as AD 8. Details on salaries, allowances and conditions of employment will be in accordance with Staff Regulations of the European Defence Agency (2004/676/EC). Further information concerning this vacancy may be found on the website of the Agency at: http://www.eda.europa.eu/vacancies.aspx

The candidates must submit their applications in 1 original and 3 copies using the Agency application form and posting them in a simple A4 format envelope, by not later than the 11th May 2007, to:

Ref.: EDA/A/2007/065a

Philippe ZINOPOULOS
Head of Human Resources of
European Defence Agency
Rue des Drapiers, 17-23
B-1050 Brussels

For any enquiry please send a fax or e-mail to: Fax: 0032 2 504 29 75, e-mail: philippe.zinopoulos@eda.europa.eu

Department of Policy and Planning,
Management and Personnel Office,
Office of the Prime Minister,
Valletta

10th April, 2007

DIPARTIMENT TA' EŻAMIJIET

Eżamijiet għad-Dħul fil-Grad ta' Skrivan fis-Servizz Pubbliku ta' Malta – 2007

Emenda

